# ANNIVERSARJI

## *Din is-sena jaħbat ...*

### ♦ 450 sena mit-Twaqqif tal-Belt Senglea

L-1554 kienet is-sena li fiha l-Kavallier Fra Klawdju de La Sengle, ta' nisel Franċiż, intgħażel bħala l-ħames Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta. Peress li kien żmien meta l-biża' ta' xi ħbit qawwi mill-armata u l-flotta tal-qawwiet Torok kien ħaġa ta' kull jum, dan il-Gran Mastru mill-ewwel ħaseb biex ikompli fejn kien ħalla dak ta' qablu, Juan d'Homedes. Fil-fatt, il-Gran Mastru d'Homedes, ftit snin qabel, kien bena l-Forti San Mikiel fuq in-naħa ta' ġewwa tal-peninsula li, fil-futur qrib, kellha tinbena fuqha l-Belt Senglea.



*Il-Gran Mastru Klawdju de la Sengle. Statwa li hi parti mill-armar tat-toroq fil-jiem tal-festa.*
(Alfred Camilleri Cauchi 1994).

La Sengle kompla l-bini ta' swar ħoxnin u għoljin madwar il-peninsula kollha, ħlief in-naħa li tħares lejn il-Birgu. Huwa ta' attenzjoni speċjali lejn in-naħa li tħares lejn Kordin, fejn kien jidher li kien il-post l-aktar dgħajjef, u minn fejn setgħet issir l-akbar ħsara. Dawn is-swar ittellgħu fuq il-pjanti ta' l-arkitett ta' l-Ordni Nicolo Bellavanti. La Sengle, immedjatament ipproġetta ukoll, u ta bidu għall-bini ta' belt ġdida 'l ġewwa minn dawn is-swar. Din il-belt kellha tibqa' ġġib ismu - Senglea. L-istemma tal-kunjom ta' La Sengle, salib iswed f'għamla immejla jaqsam minn angolu għall-ieħor, fuq sfond tad-deheb u b'arzella tal-fidda f'kull tarf u fin-nofs tiegħu, saret ukoll l-istemma tal-Belt il-ġdida. L-Isla, għalhekk, saret, wara l-Imdina u l-Birgu, it-tielet belt f'Mata imwaqqfa u imħażżma bis-swar.



La Sengle ta ħafna lill-Isla, u saħansitra ħareġ flejjes kbar minn butu għall-bini tagħha. L-Isla baqgħet dejjem għażiża għall-Kavallieri, l-aktar wara s-sehem li tat fid-difiża ta' Malta u ta' l-Ordni fi żmien l-Assedju l-Kbir tas-sena 1565, meta għas-sehem valoruż ta' l-abitanti tagħha, l-Isla ingħatat it-titlu ta' *CIVITAS INVICTA*, li tfisser IL-BELT QATT MIRBUĦA. L-Isla ingħatat ukoll motto mill-

*L-istemma tal-kunjom La Sengle li saret l-istemma tal-Belt Senglea.*

aktar sinifikanti, li jaqra *QUA PUGNAVI INVICTA CONSIDO*, li b'ilsienna jfisser "(Hawn) Fejn tqabadt (ninsab) wieqfa bla mirbuħa".

Din il-Belt li waqqaf La Sengle 450 sena ilu, kellha tkun ta' ġieħ, għozza u unur għal Malta. L-Isla kellha sehem tista' tgħid f'kull ġrajja, sabiħa jew kerha, li dammet l-istorja ta' Malta. Biżżejjed wieħed jiftakar f'dak li l-Isla għaddiet minnu fis-snin kefrin tat-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-istess ħin wkoll, din il-Belt tat lil Malta bosta ċittadini li għamlulha ġieħ, kemm f'pajjiżna stess, kif ukoll 'l hemm mix-xtut ta' din l-art ħelwa.

### ♦ 325 sena mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Michele Gerolamo Molina


*L-Isqof Mikiel Molina*

Fit-2 ta' Ottubru 1679, 325 sena ilu, bdiet fl-Isla Viżta Pastorali mill-Isqof Michele Gerolamo Molina. Kif soltu tingħata f'relazzjoni ta' Viżti bħal dawn, insibu deskrizzjoni tal-Knisja Parrokkjali u ta' l-opri li jkun hemm fihom. F'din ir-relazzjoni jispikka l-fatt li jissemma li kien għadu kif inbidel l-inkwadru tat-titular u sar wieħed ġdid li, bħal ma kienet drawwa f'dak iż-żmien, ma kienx bilfors jirrappreżenta t-titular tal-Knisja, f'dan il-każ, it-Twelid tal-Madonna.

Iżda, ħafna aktar importanti minn hekk, f'din ir-relazzjoni hemm deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni tal-ħajja nisranija fl-Isla, u b'mod partikulari tal-ħames fratellanzi li kienu jeżistu dak iż-żmien u tal-ħidma tagħhom. Irridu niftakru illi sewwasew tliet snin qabel, fl-1676, Malta kienet sofriet ħafna mill-flaġell tal-pesta. L-Isla tilfet bosta minn uliedha, madwar nofs il-popolazzjoni, fosthom 16-il saċerdot u saħansitra lill-Kappillan Dun Frangisk Azzopardi, li kollha ħallew ħajjithom waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Jidher ċar minn din ir-relazzjoni illi fi żmien hekk qasir ta' tliet snin, il-fratellanzi kienu qed jerġgħu jaqbdu l-art, u l-imseħbin fihom bdew jiżdiedu sew. Huma komplew bil-ħidma li kienet ġiet imfixkla fi żmien il-pesta. Din ir-relazzjoni għandha kliem ta' tifħir b'mod partikulari għall-ħidma tal-fratellanza tas-Santissimu Sagrament u dik tal-Madonna tar-Rużarju li ftit snin qabel kienet giet trasferita fil-Parroċċa mill-Knisja ta' Santa Marija tal-Portu Salvu. Jidher, iżda, illi l-fratellanza tal-Madonna tal-Karità kienet fi kriżi. Tant hu hekk li ftit snin wara, l-altar li kellha fil-Knisja, ġie fdat f'idejn is-Sodalità ta' l-Agunija. Fl-istess ħin, kienet qed issir ħidma qawwija ħalli titwaqqaf fratellanza ġdida dedikata lit-Trinità Qaddisa, bl-iskop prinċipali tar-riskatt ta' l-ilsiera. Din, fil-fatt, twaqqfet ftit biss wara.

Din ir-relazzjoni turi li għad illi l-Belt ta' l-Isla kienet għadha kif għaddiet minn burraxka tant qalilha, kienet bdiet terġa' tqum fuq saqajha, u tieħu r-ruħ mill-ġdid.

### ♦ 200 sena minn meta saret l-istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni

Il-fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni twaqqfet fl-Isla bejn is-sena 1647 u s-sena 1650 (ara L-Isla: Leħen il-Parroċċa, nru. 83, Settembru - Ottubru 2001). Din il-fratellanza ingħatat f'idejha l-kura ta' l-istatwa tal-Bambina, li kienet waslet fl-Isla, b'mod mill-aktar providenzjali, fis-sena 1618. Fiż-żmien ta' l-erezzjoni tal-fratellanza, din l-istatwa kienet magħrufa bħala l-Immakulata, u għal ħafna snin, apparti mill-purċissjoni tal-festa titulari, kienet tinħareġ f'purċissjoni ukoll fil-festa tal-Kunċizzjoni f'Diċembru.



*L-Immakulata Kunċizzjoni.*
*Xogħol fl-injam minn Mariano Gerada*

Imbagħad, fis-snin bikrin tas-seklu 19, l-imseħbin tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni, ħasbu biex ikollhom vara li tirrafigura l-Konċepiment Immakulat tal-Madonna, u li tkun propjeta tagħhom, u tintuża esklużivament fil-purċissjoni li l-fratellanza kienet torganizza fil-Ħadd ta' wara t-8 ta' Diċembru - festa liturġika tal-Kunċizzjoni. Għal dan il-għan, huma kkummissjonaw lill-iskultur ċelebri Mariano Gerada, meqjus bħala l-aqwa skultur ta' dik l-epoka, biex jonqox fl-injam din l-istatwa. Il-vara tlestiet fis-sena 1804, 200 sena ilu, u kulħadd jaqbel li hija waħda mill-isbaħ, jekk ukoll mhux l-isbaħ, statwa tal-Kunċizzjoni fil-gżejjer Maltin.

Ix-xebh tal-wiċċ u fil-qagħda tal-Madonna ma' statwi oħra rinomati ta' Gerada, fosthom l-istatwi titulari tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż Żabbar, Santa Katerina taż-Żurrieq u Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, jixhdu li din il-vara ħarġet minn id l-istess artist. Gerada ħadem għaliha ukoll pedestall grazzjuż u li għal kważi mitt sena, kien jintuża wkoll biex fuqu tintrama l-istatwa titulari ta' Marija Bambina.

It-trasport solenni ta' l-istatwa ta' l-Immakulata mill-Knisja ta' San Filippu għall-Kolleġġjata, sar nhar il-Ħamis, 6 ta' Diċembru, u ħarġet għall-ewwel darba f'purċissjoni il-Ħadd, 9 ta' Diċembru 1904.

## ♦ 150 sena mill-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulat Konċepiment tal-Madonna

Fit-8 ta' Diċembru 1854, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX, ipproklama solennement bħala Domma ta' Fidi Nisranija, li Marija hija mnissla mingħajr ebda tebgħa tad-dnub oriġinali. Din il-proklama kienet sinjal għal ċelebrazzjonijiet kbar ta' fidi u devozzjoni lejn il-Madonna mad-dinja Kattolika kollha. Fuq ordni ta' l-Arċisqof tad-Djoċesi, Mons. Publio Maria Sant, ċ-ċelebrazzjonijiet f'Malta saru iżjed tard, fl-aħħar jumejn tas-sena 1854.



*Piju IX – il-Papa ta' l-Immakulata*

Fl-Isla, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Sengleana, l-aktar bit-tħabrik u l-ħidma tal-Kanonku Dun Salvatore Gaffiero, li fis-sena 1899 kellu jinħatar Isqof, għamel ċelebrazzjonijiet devoti u kommoventi speċjali, li ntemmu bil-kant ta' Te Deum solenni b'ringrazzjament għall-għarfien ta' din id-Domma ġdida, li minn dak iż-żmien kull Kattoliku kellu jemmen u jaċċetta bħala verità ta' fidi.

## ♦ 125 sena minn bidla fit-tmexxija tal-Parroċċa

Is-sena 1897 ġabet magħha bdil fit-treġija tal-Parroċċa ta' l-Isla, meta l-Arċipriet, il-Kanonku Dun Franġisk Colombo, li kien ilu jmexxi l-Parroċċa għal tul ta' 18-il sena sħaħ, cioè mill-1861, inħatar Kanonku Monsinjur tal-Kattidral, u għalhekk kellu jirrinunzja minn Arċipriet tal-Kolleġġjata. Il-parrokat ta' Colombo ġie fi żmien meta l-popolazzjoni ta' l-Isla kienet qed tikber ħafna, u waqt li kien hawn ħafna ħaddiema foqra, kien hawn ukoll ħafna saċerdoti, professjonisti u nies tas-sengħa u ta' l-arti. Fost is-saċerdoti li kienu jgħammru fl-Isla fi żmien l-Arċipretura ta' Colombo, insibu lill-Kanonku Dun Salvatore Gaffiero, li fis-sena 1899 ġie kkonsagrat Isqof; il-Kanonku Dun Injazju Panzavecchia, li maż-żmien sar Monsinjur tal-Kattidral u li fis-snin bikrin tas-seklu 20, kien persuna importanti fix-xena politika ta' pajjiżna; kif ukoll Dun Angelo Raggio, li mis-sena 1882 sa ma miet fl-1928, kien Propostu żelanti ta' l-Oratorjani fil-Kunvent ta' San Filippu.



*L-Arċipriet Dun Franġisk Colombo*

Fost in-nies ta' l-arti, imbagħad, insibu lill-pitturi Tommaso Madiona u Ġużeppi Bonnici.

Fi żmien l-Arċipriet Colombo ukoll, il-Knisja ta' l-Isla bdiet timtela' b'opri li għanewha bis-sħiħ, fosthom ventaltar tal-fidda għall-altar maġġur (1864) u l-kisi bil-fidda tar-raġġiera tal-Bambina (1874).

Ta' min iżid fl-aħħarnett, li fi żmien il-parrokat ta' l-Arċipriet Colombo, fis-sena 1869, inqata' d-dfin mill-Knisja fuq ordni tal-Gvern, u l-Kapitlu u l-fratellanzi ingħataw art għad-dfin fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata li kien inbena ġdid.

Wara r-riżenja ta' l-Arċipriet Colombo, kif kien isir f'dawk iż-żminijiet, sar konkors ħalli jimtela' dan il-post vakat. Dan il-konkors intrebaħ minn Dun Anton Cordina, li kien ġa ilu Kanonku tal-Kolleġġjata Senglena għall-19-il sena. Dun Anton Cordina, li kien għadu kif għalaq l-46 sena, kien twieled fir-Rabat ta' Għawdex, imma sa minn meta kien għadu tifel żgħir, huwa trabba u għex fl-Isla, peress li l-ġenituri tiegħu kienu ġew joqogħdu f'din il-Belt. Għalhekk, huwa kien iħoss lilu nnifsu bħala Senglean.

Huwa kien dam Arċipriet tal-Kolleġġjata 11-il sena.

## ♦ 50 sena mis-Sena Marjana.

Għal tagħrif eżawrjenti dwar l-iskop ta' din is-sena speċjali, dedikata lill-Madonna skond ix-xewqa u l-ordni tal-Papa Piju XII, u l-funzjonijiet u l-festi li saru fl-Isla matul dik is-sena, ara l-artiklu speċjali dwar dan kollu f'parti oħra ta' dan l-istess fuljett.